QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' FRAR 2002

Avviz Nru 1019/00DM

John A Consiglio

vs

Thomas Borg

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal- konvenut sabiex, previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita skond il-Ligi, jhallas is-somma ta' hames mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u dsatax il-centezmu (Lm527.19) jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' April 2000 ghall-habta tas-6.15 p.m. gewwa Fleur De Lys Road, Birkirkara bejn il-vettura tat-tip Vauxhall Nova bin-numru ta' registrazzjoni IAR 412 proprjeta ta' l-attur, u x-xarabank misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni DBY 423, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2000 u ta' l-ittra ufficjali li ntbghatet kontestwalment ma l-Avviz lis-socjeta assikuratrici Omnibuspool, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Att tal-Avviz sad -data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Thomas Borg fejn eccepixxa illi:

1 It-talba attrici ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda sehh unikament tort ta' l-attur innifsu;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi diretti dwar d-dettalji dwar kif grat il-kollizzjoni u dwar il-posizzjoni tal-vettura wara l-habta jikkonsistu fid-deposizzjonijiet tal-kontendenti li kienu ukoll is-sewwieqa involuti u ta l-ufficjal li nvestiga l-kaz.

Ma tirrizultax xi kontestazzjoni partikolari f'dawn il-provi u jirrizulta stabbilit li l-attur hareg mill-"Y" junction li tghaqqad Triq Fleur-de-Lys ma Valley Road, li hadd mis-sewwieqa ma nduna bil-presenza ta' l-iehor qabel il-habta u li l-attur kien lahaq dahal ghal kollox go Valley Road qabel il-habta.

Ma jirrizulta ebda sewqan b'xi velocita' ezagerata ghal-lokal, anzi jirrizulta li z-zewg sewwieqa kienu qed jipprocedu b'velocita' prudenti kif anke jirrizulta mill-assenza ta 'brake marks' u danni limitati.

Minn dawn il-provi jirrizulta inoltre stabbilit illi d-dritta kienet tal-konvenut u li l-attur, li kellhu fil-karreggjati fit-tarf ta Triq Fleur-de-Lys is-sinjali appositi, kien obbligat li jghati d-dritta u l-precedenza lit-traffiku li kien qed juza il-'main road', Valley Road, fejn kien qed isuq il-konvenut.

Billi l-konvenut kien il-'main road user' huwa kellhu d-dritt li jistenna u jippretendi li l-progress tieghu ma jigix ostakolat minn traffiku provenjenti minn fuq ix-xellug tieghu li ried jidhol fil-karreggjata tieghu.  Izda minn-naha l-ohra kien ukoll obbligat li, bhal kull sewwieq prudenti, izomm dejjem ' a proper look-out' ghal kull xorta ta ostakolu u li jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex jevita kollizzjoni.

Ghalhekk biex tirnexxi t-talba attrici, l-attur irid jipprova li huwa kien digia' 'main road user' bhal l-konvenut qabel ma grat il-habta billi jipprova li kien digia ha postu fil-karreggjata tal-konvenut gewwa t-triq principali, jew li almenu jipprova li, wara li huwa kien ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji u mposti fuqu, l-konvenut kellhu bil-fors ikun konxju bil-presenza tieghu diehel fil-'main road' u li kien fi grad li jevitah izda l-konvenut baqa diehel fih.

Izda l-provi tal-attur ma jwasslu ghall-ebda wahda minn dawn l-ipotesi. Infatti jekk wiehed jikkonsidra il-posizzjoni tal-vetturi anke kif murija fl-isketch ippresentat mill-attur stess, billi jirrizulta li z-zewg vetturi kienu miexjin it-tnejn sal-habta, jirrizulta ukoll li waqt li l-attur kien biss xi ftit metri lura u ghalhekk go Fleur-de-Lys, il-konvenut kien ukoll ftit metri l-boghod u ghalhekk fil-vicin tant tal-Junction li kellhu jipprekludi kull tentattiv ta dhul fil-'main road'.

Fuq kollox l-istess sketch anzi jindika li l-attur lanqas mal-habta ma kien ghadhu dahal fit-trajettorja tal-karreggjata tal-'main road user' u lanqas ma kien kollhu kemm hu quddiem il-bus tal-konvenut.

Inoltre ma huwiex spjegat kif l-attur isosstni li qabel ma pproceda ghal gewwa l-'main road' huwa esplora it-triq u ma ndunax bil-konvenut (qed isuq Bus) ftit il-boghod minnu meta l-vizwali tieghu ma kienetx ostakolata u kienet fit-tul. Dan jimplika nuqqas ta debita esplorazzjoni u 'proper look out' da parti tieghu.

Anke il-fatt li l-attur dahal fil-'main road', notorjament traffikuza, b'velocita' minima u minghajr ghaggla jindika li ma kienx induna bil-presenza tal-bus li fil-fatt kienet hemm.

Minn-naha tal-konvenut ma tirrizulta ebda risponsabilita', infatti id-daqs u ghamla tal-bus jipprekluduh milli jkun facilment jista' josserva traffiku provenjenti minn taht ix-xellug tieghu.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut ma huwiex risponsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u konsegwentement tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ30